31980R1698

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1698/80

tat-30 ta' Ġunju 1980

li tissupplimenta r-Regolament (KEE) Nru 797/80 li jaġġusta l-imposta ta' l-esportazzjoni u r-rifużjonijiet iffissati bil-quddiem fis-settur taz-zokkor

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3330/74 tad-19 ta' Diċembru 1974 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1396/78 [2], u partikolarment l-Artikoli 17 (5) u 19 (2) u (4) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 797/80 tal-31 ta' Marzu 1980 li jaġġusta l-imposta ta' l-esportazzjoni u r-rifużjonijiet iffissati bil-quddiem fis-settur taz-zokkor [3] jipprovdu għal żieda fir-rifużjonijiet u tnaqqis fl-imposta ta' l-esportazzjoni fil-każ tal-liċenzi maħruġa qabel l-1 ta' Lulju 1980 iżda wżati minn dik id-data;

Billi, fil-każ ta' imposta ta' l-esportazzjoni, l-ammont tagħha jista' jkun anqas mill-ammont ta' l-aġġustament in kwistjoni; għalhekk, sabiex ikun evitat kull trattament mhux l-istess bejn l-operaturi, hemm bżonn li l-imsemmi Regolament ikun kumplimentat billi jkun provdut li d-differenza għandha titqies bħala rifużjoni ta' l-esportazzjoni li għandha tingħata lill-parti interessata minflok l-imposta ta' l-esportazzjoni li qed tintalab;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija taz-Zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 797/80 għandu jkun emendat kif ġej:

1. Fl-ewwel paragrafu l-fraži "fuq it-talba tal-parti kkonċernata", hija mħassra.
2. Dan li ġej huwa mdaħħal fil-paragrafu 2 bħala t-tielet subparagrafu:

   "Fejn l-ammont ta' imposta ta' l-esportazzjoni huwa anqas mill-ammont ta' l-aġġustament, id-differenza bejn dawn iż-żewġ ammonti titqies bħala rifużjoni ta' l-esportazzjoni li għandha tingħata lill-parti kkonċernata. F'każ bħal dan, l-imposta ta' l-esportazzjoni ma tkunx pagabbli."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jibda' jseħħ fl-1 ta' Lulju 1980.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-iStati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Ġunju 1980.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Viċi-President

[1] ĠU L 359, tal-31.12.1974, p. 1.
[2] ĠU L 170, tat-28.3.1978, p. 1.
[3] ĠU L 87, ta' l-1.4.1980, p. 39.